# Rifuġju

Antoine Cassar

Jien ir-rifuġju tiegħek.
Ejja b'idejk vojta, mikxufa,
bla biljett u bla kliem.
Wara r-reżħa,
wara l-karużell t'elf karozza
jiżżerżqu u jigirżu fuq is-silġ,
wara l-geġwiġija wġigħ
ta' sptarijiet ileqqu,
ejja.
Biex tasal fejni,
m'hemmx taraġ garigor,
m'hemmx kurituri twal u dejqa,
wisq anqas
kodiċi sigriet
biex tgħaddi minn bieb
wara bieb
wara bieb –
kemm iddawwar rasek, tħares tikka 'l fuq,
issibni
f'nofs il-ftuħ.

Idejk f'idejja,
agħfas ġbinek
fil-wied ta' sidri
u serraħ kull ħsieb.
Jekk trid, agħlaq għajnejk.
Kif tħarrek kemm kemm sebgħek,
tixkattali kurrent ħafif tad-dawl ma' demmi ...
Qed tismagħha qalbi tħabbat?
Ripetittiva, naf,
ma' kull tektika ttaqtaq u ttenni
inħobbok, inħobbok, inħobbok ...

Meta nbuslek il-pala t'idek,
inbus ħajtek kollha, kulma lqajt
u kulma għad tilqa'.
Fil-mappa tal-pala t'idek, hemm gżira.
Fiha port kenni,
fiha ramla tistenniek tistrieħ
minn tulek fuqha,
fiha sufan tal-ġebel
fit-tarf ta' rdum qadim
li jilqa' kull mewġa,
kull tvenvina żbuxxlata tar-riħ,
kull sfumatura dell u dija
tax-xemx fi nżulha.
Għal għonq it-toroq t'idek,
meta tegħja jew tixba',
fittex il-gżira, u ssibni hemm.
Tikber, tweġġa' u titgħallem,
u l-ħolm żejjed
jaf itaqqal kultant il-ġwinħajn.
Jien ir-rifuġju tiegħek.
Toħlom jew toħlomx,
serraħ rasek
fil-wied ta' sidri
u orqod fis-skiet.